MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 816/2007

**Talba Nru: 816/07VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

Raymond Borg

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mitejn u tlett liri Maltin u zewg centezmi (Lm203.02) liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond Client Contract Number 1005877, fir-rigward ta’ servizzi lilu rezi fix-xhur ta’ bejn Dicembru 2006 u Mejju

2007. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba mija u tnejn u sebghin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€472.91), ekwivalenti ghal Lm203.02, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------